KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.10.2009
KUMM(2009) 590 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI TAL-ISTRUMENT TA' POLITIKA STRUTTURALI GĦAL QABEL L-ADEŻJONI (ISPA) 2008

[SEC(2009)1443]

WERREJ

1. Proġetti ġodda tal-ISPA 6
2. Impenji Ġodda 6
3. Proġetti ffinanzjati bejn l-2005-2008 6
4. Ħlasijiet 7
5. Tabelli ta' Sinteżi 8
6. Il-forom u l-metodi għall-provvista ta' assistenza teknika 9
7. Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-pajjiż benefiċjarju 9
8. Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni 10
9. Implimentazzjoni 11
10. Monitoraġġ tal-proġetti 11
11. Amministrazzjoni u kontroll finanzjarju – l-*EDIS* inkluża 12
12. Valutazzjoni ta'riskju 13
13. Is-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 13
14. Il-kofinanzjament mill-imsieħba – il-BEI, il-BERŻ u l-KfW 13
15. Xiri pubbliku 14
16. Il-politika tal-kompetizzjoni 14
17. Il-politika ambjentali 14
18. Il-politika tat-trasport 15
19. Azzjoniijiet pubbliċi 16

Introduzzjoni

Wara l-Kunsill Ewropew ta' Brussell f'Ġunju 2004, li ta l-istat ta' *pajjiż kandidat* lill-Kroazja, dan il-pajjiż ibbenefika mill-ISPA mill-1 ta' Jannar 2005. Il-Kroazja għalhekk imxiet wara l-passi tal-pajjiżi benefiċjarji ta' qabel tal-ISPA, li rċevew għajnuna tal-ISPA minn meta dan l-istrument twaqqaf fis-sena 2000. Fl-1 ta' Jannar 2007, il-Bulgarija u r-Rumanija saru membri tal-Unjoni Ewropea u waqfu jirċievu għajnuna minn fondi ta' qabel l-adeżjoni inkluż l-ISPA. L-adeżjoni ta' dawn iż-żewġ pajjiżi ħalliet lill-Kroazja bħala l-uniku riċevitur tal-finanzjament tal-ISPA li kien baqa'. Dan ir-rapport għalhekk ikopri biss l-attivitajiet tal-ISPA mwettqa mill-Kroazja.

Is-sena 2008 rat titjib sinifikanti fil-pass tal-implimentazzjoni tal-proġett fil-Kroazja b'bosta kuntratti ewlenin li ġew iffirmati, b'implimentazzjoni fiżika li tnediet u bl-ewwel ħlasijiet interim li saru. Il-sejħiet għall-offerti u l-kuntratti għadhom aktar baxxi milli mixtieq, u jirriflettu amministrazzjoni u koordinazzjoni dgħajfa li qed jissuktaw, kif ukoll nuqqas ta' staff xieraq. Madankollu, minkejja l-problemi, sar progress stabbli matul is-sena. Fil-bidu tal-2008, 11 minn total ta' 24 sejħa għall-offerti previsti għall-proġetti kollha jew kienu tnedew jew ġew konklużi flimkien ma' tliet kuntratti ta' xogħol li ġew iffirmati u bdew jiġu implimentati. Sa tmiem l-2008 madankollu, l-għadd ta' sejħiet għal offerti mnedija jew konklużi tela' għal 18 b'total ta' 13-il kuntratt li ġew iffirmati u bdew jiġu implimentati. Barra minn hekk, jeħtieġ li tinġibed l-attenzjoni li s-sejħiet għall-offerti u l-kuntratti twettqu għal 3 minn 6 proġetti tal-ISPA.

It-transformazzjoni tal-Aġenzija tal-Implimentazzjoni minn Unità Ċentrali tal-Finanzjament u tal-Kuntratti (CFCU - korp stabbilit fl-istrutturi tal-Ministeru tal-Finanzi) għal Aġenzija Ċentrali tal-Finanzjament u tal-Kuntratti (CFCA – aġenzija tal-gvern) ma tidhirx li kellha l-effett immedjat li kien antiċipat. Minkejja l-fatt li l-livelli tas-salarji fl-aġenzija l-ġdida huma ogħla milli f'istituzzjonijiet oħra tal-gvern, is-CFCA xorta kellha l-problemi kemm għar-reklutaġġ tal-istaff kif ukoll biex iżżommhom. Bl-għan li tittejjeb il-qagħda, ġew intensifikati sforzi addizzjonali ta' reklutaġġ u twettaq aktar taħriġ tal-istaff bl-għajnuna tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (KE).

Fattur ieħor kontributorju li affettwa l-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett tal-ISPA kien it-tħejjija għall-introduzzjoni tal-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA). Ta' min isemmi li dawn it-tħejjijiet sa ċertu punt dawru l-attenzjoni ta' xi wħud mill-korpi ewlenin involuti fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-ISPA minħabba fil-ħtieġa ta' organizzazzjoni mill-ġdid tal-istaff tagħhom u biex jiksbu akkreditazzjoni għall-amministrazzjoni tal-fondi tal-IPA.

Il-baġit tal-ISPA

Skont is-sistema ta' kontabilità tal-Kummissjoni li hija bbażata fuq l-attività, il-baġit tal-ISPA kien kopert minn żewġ linji ta' baġit: il-linja ta' baġit funzjonali B13.01.04.02 u l-linja ta' baġit operattiva B13.05.01.01. L-ewwel linja fiha l-mezzi biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi tal-Assistenza Teknika (AT) prinċipalment għall-infurzar tad-Delegazzjonijiet tal-KE. Din intemmet fl-2006. It-tieni linja tal-baġit tinkludi approprjazzjonijiet tal-pagamenti li kienu disponibbli għall-implimentazzjoni u l-operat effettivi tal-ISPA għall-Kroazja.

Il-linja tal-baġit B13.05.01.01, li ammontat għal EUR 7,888,041.30 fl-2008, tkopri l-ispejjeż kollha għall-ko-finanzjament ta' proġetti infrastrutturali (miżuri).

***Tabella 1*: Il-baġit tal-ISPA għall-2008 – f'Euro**

Il-linja tal-baġit	Ħlasijiet implimentati
Linja funzjonali tal-baġit B13.01.04.02 (magħluqa fl-2006)	0
Linja operattiva tal-baġit B13.05.01.01	**7,888,041.30**
Total	**7,888,041.30**

Finanzjament tal-proġetti

1. PROĠETTI ĠODDA TAL-ISPA

L-ebda proġett ġdid tal-ISPA ma ġie adottat fl-2008.

2. IMPENJI ĠODDA

L-ebda impenn ġdid ma twettaq fl-2008 la għal proġetti fis-settur tal-ambjent u lanqas f'dak tat-trasport minn mindu ntemm l-istrument tal-ISPA fl-2006.

3. PROĠETTI FFINANZJATI BEJN L-2005-2008

Bejn l-2005 u l-2006, il-Kummissjoni approvat total ta' sitt proġetti fuq il-bażi ta' proposti sottomessi mill-Kroazja. Minn dawn il-proġetti, tlieta jikkonċernaw is-settur tal-ambjent, tnejn is-settur tat-trasport, u miżura AT orizzontali waħda (għall-organizzazzjoni ta' kumitati statutorji ta' monitoraġġ u aġenziji għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-ISPA). Il-prezz tal-investiment totali eliġibbli ta' dawn il-proġetti huwa ta' EUR 123,052 miljun, b'total ta' EUR 59 miljun, jew 47,9 % bħala għotjiet tal-ISPA. Sa tmiem l-2006, il-Kummissjoni kienet ikkommettiet 100 % tal-fondi tal-ISPA merfugħa għall-Kroazja li jkopru l-perjodu mill-2005 sal-2006 bl-impenji maqsuma b'mod ibbilanċjat bejn is-setturi tal-ambjent u tat-trasport.

***Tabella 2*: Proġetti approvati fil-Kroazja fil-perjodu 2005-2006[1] - f'Euro**

Settur	Deċiżjoni jiet għal proġetti nru	Spejjeż eleġibbli	Kontribuzzjoni mill-ISPA	Rata medja tal-għotjiet %	Impenji
Ambjent	3	46,287,701	29,466,355	63.65	29,466,355
Trasport	2	76,502,738	29,271,310	38.26	29,271,310
AT orizzontali	1	262,335	262,335	100	262,335
Total	**6**	**123,052,774**	**59,000,000**	**47.94**	**59,000,000**

[1] Ma ġie approvat l-ebda proġett mill-2006 'l hawn minħabba t-tmiem fl-istess sena tal-programm ISPA.

4. ĦLASIJIET

Ġeneralment, il-ħlasijiet għal kull proġett ta' investiment jikkonsistu f'żewġ pagamenti bil-quddiem ta' 20 % tal-kontribuzzjoni tal-ISPA, kif ukoll fi ħlasijiet intermedjarji (jiġifieri rimborżi) sa 80 % (u f'każijiet eċċezzjonali sa 90 %) tal-kontribuzzjoni, kif ukoll ħlas tal-bilanċ finali wara l-għeluq. It-total ta' ħlasijiet laħaq is-EUR 7,88 miljun fl-2008 għall-proġetti tal-ISPA approvati fil-Kroazja, li jirrappreżenta 13,3 % tal-għotjiet korrispondenti tal-ISPA. Dan joħloq kuntrast qawwi maċ-ċifra ekwivalenti mis-sena ta' qabel ta' biss EUR 124,629.

Għalhekk, sar progress aħjar fl-2008 fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-ISPA. Dan kien rifless fiż-żieda ta' talbiet li waslu għal ħlasijiet tat-tieni avvanz u għal ħlasijiet intermedji. Il-ħlasijiet intermedji għandhom sinifikat partikolari billi dawn jirriżultaw minn implimentazzjoni reali tal-proġetti (jiġifieri l-ħlasijiet ta' fatturi) aktar milli mit-trasferiment ta' ħlasijiet bil-quddiem, kif l-aktar kien il-każ sal-2008. Sa tmiem il-perjodu 2005-2008, tħallas total ta' EUR 14,083,747.30 lill-Kroazja, li jirrappreżenta 28,87 % tal-impenji baġitarji implimentati f'dak il-perjodu (EUR 59 miljun) u aktar mid-doppju tal-ammont li tħallas sa tmiem l-2007.

***Tabella 3*: Ħlasijiet – f'Euro**

Settur	2005-2007	2008	Total 2005-2008
Ambjent	3,043,266	2,443,261.00	5,486,527.00
Trasport	2,975,344	5,412,008.30	8,387,352.30
AT	177,096	32,772.00	209,868.00
Total	**6,195,706**	**7,888,041.30**	**14,083,747.30**

5. TABELLI TA' SINTEŻI

It-tabella 4 ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali tal-interventi tal-ISPA kemm għassena 2008 kif ukoll għall-perjodu 2005-2008.

***Tabella 4*: Proġetti deċiżi fil-Kroazja fl-2005-2008 - f'Euro**

Sotto-settur	Nru ta' proġetti	Spejjeż eleġibbli	Kontribuzzjoni mill-ISPA	2008		2005 – 2008	
				Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
Ambjent							
Ilma	0	0	0	0	0	0	0
Ilma u drenaġġ inkluż it-trattament	1	36,000,000	22,500,000	0	2,250,000	22,500,000	4,500,000
Impjant tat-trattament tad-drenaġġ	0	0	0	0	0	0	
Skart solidu	1	8,823,601	6,000,049	0	0	6,000,049	600,005
Kwalità tal-arja	0	0	0	0	0	0	
Orizzontali	1	1,464,100	966,306	0	193,261	966,306	386,522
Total tas-settur	**3**	**46,287,701**	**29,466,355**	**0**	**2,443,261.00**	**29,466,355**	**5,486,527**
Trasport							
Toroq	0	0	0	0	0	0	
Ferroviji	1	75,761,000	28,789,180	0	5,412,008.3	28,789,180	8,290,926.3
Toroq u ferroviji	0	0	0	0	0	0	
Kanali interni	0	0	0	0	0	0	
Ajruporti	0	0	0	0	0	0	
Orizzontali	1	741,738	482,130	0	0	482,130	96,426,00
Total tas-settur	**2**	**76,502,738**	**29,271,310**	**0**	**5,412,008.3**	**29,271,310**	**8,387,352.3**
Orizzontali							
AT	**1**	262,335	262,335	0	32,772	262,335	209,868
TOTAL	**6**	**123,052,774**	**59,000,000**	**0**	**7,888,041.3**	**59,000,000**	**14,083,747.3**

Assistenza Teknika

6. IL-FOROM U L-METODI GĦALL-PROVVISTA TA' ASSISTENZA TEKNIKA

Ir-rikors għall-miżuri ta' assistenza teknika jikkostitwixxi element essenzjali biex ikun żgurat is-suċċess tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-ISPA. Dawn il-miżuri jiffukaw fuq it-tħejjija tal-proġett u l-implimentazzjoni tal-proġett flimkien mal-involviment mill-qrib tal-benefiċjarju waqt li jiġi applikat il-prinċipju "titgħallem billi tagħmel". Barra minn hekk, permezz tal-akkumpanjament tat-tisħiħ istituzzjonali u t-titjib fill-kapaċità amministrattiva, l-ISPA jikkontribwixxi għat-tħejjija tal-pajjiżi benefiċjarji fl-implimentazzjoni ta' strumenti tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari f'dan il-każ, il-Fond ta' Koeżjoni.

Jintużaw żewġ tipi ta' miżuri ta' assistenza teknika

- assistenza teknika li titwettaq fuq l-inizjattiva tal-pajjiż benefiċjarju u li hija relatata b'mod dirett mal-finanzjament ta' proġetti, eżempju t-tħejjija/l-iżvilupp tal-proġett, l-assistenza teknika għall-implimentazzjoni, u l-assistenza teknika għat-titjib fil-kapaċità amministrattiva;

- assistenza teknika li titwettaq fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u li tirrelata l-aktar mal-attivitajiet imwettqa mid-Delegazzjoni tal-KE, inkluża l-evalwazzjoni tal-proġett;

7. ASSISTENZA TEKNIKA FUQ L-INIZJATTIVA TAL-PAJJIŻ BENEFIĊJARJU

Tħejjija tal-proġetti u tisħiħ mill-istituzzjonijiet

Il-miżuri AT għat-tħejjija tal-proġetti jridu jiżguraw li, fit-termini tal-kunċett, tal-amministrazzjoni u tal-operat tal-proġett, il-pajjiżi benefiċjarji jippreżentaw proġetti teknikament u finanzjarjament sodi lill-Kummissjoni għall-iffinanzjar mill-fondi tal-ISPA. Fejn meħtieġ, dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-elaborazzjoni ta' studji strateġiċi dwar is-(sotto)setturi eleġibbli għall-finanzjament mill-fondi tal-ISPA. Barra minn hekk, dawn huma normalment intiżi biex jiżviluppaw sensiela ta' proġetti ta' kwalità billi jipprovdu għadd suffiċjenti ta' proġetti xierqa fil-ħin biex jippermettu lill-pajjiż benefiċjarju jimpenja ruħu bis-sħiħ u jassorbi l-fondi disponibbli. It-tkomplija ta' sensiela ta' proġetti qawwija hija essenzjali wkoll għall-implimentazzjoni tal-ISPA b'suċċess. F'dan ir-rigward, tnejn mit-tliet miżuri AT li qed jiġu implimentati attwalment huma mmirati biex iħejju sensiela ta' proġetti tal-IPA fis-setturi tal-ambjent u tat-trasport. It-tielet miżura hija mmirata biex tiżviluppa l-kapaċità istituzzjonali tas-CFCA biex tamministra u timplimenta l-proġetti tal-ISPA.

L-għadd totali ta' miżuri AT għat-tħejjija ta' proġetti approvati bejn l-2005 u l-2006 huwa ta' tnejn, li jirrappreżenta spiża totali eleġibbli hija ta' EUR 2 205 838 li minnhom EUR 1 448 436 (65,6 %) kienu ffinanzjati mill-ISPA. Miżura waħda AT għall-bini ta' kapaċità insituzzjonali ġiet approvata bejn l-2005 u l-2006, li tirrappreżenta spiża totali eleġibbli ta' EUR 262 335 li hija ffinanzjata 100 % mill-ISPA.

Tabella 5: **Miżuri ta' assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kroazja 2005-2008 – f'Euro**

Sotto-settur	Nru ta' proġetti	Spejjeż eleġibbli	Kontribuzzjoni mill-ISPA	Impenji 2008	Ħlasijiet 2008	Impenji 2005-8	Ħlasijiet 2005-8
Ambjent							
Total tas-settur	1	1,464,100	966,306	0	193,262.00	966,306	386,522.00
Trasport							
Total tas-settur	1	741,738	482,130	0	0	482,130	96,426.00
AT orizzontali							
Total tas-settur	1	262,335	262,335	0	32,772.00	262,335	209,868.00
TOTAL	3	2,468,173	1,710,771	0	226,034.00	1,710,771	692,816.00

8. ASSISTENZA TEKNIKA FUQ L-INIZJATTIVA TAL-KUMMISSJONI

Mindu beda l-ISPA, l-attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa fuq l-inizjattiva ta', jew f'isem il-Kummissjoni, kienu kkonċentrati fuq li jippermettu lid-Delegazzjoni tal-KE li twettaq il-proċeduri ta' kontroll *ex-ante* tagħha (inkluża l-evalwazzjoni tal-proġett) skont l-istandards meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-fondi Komunitarji. L-ebda miżuri ta' assistenza teknika bħal dawn ma ġew iffinanzjati mill-ISPA mill-2006 'l hawn. Il-miżuri kollha ta' assistenza teknika bħal dawn minn dak iż-żmien ġew iffinanzjati mill-IPA.

L-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni

9. IMPLIMENTAZZJONI

L-ewwel żewġ proġetti fil-Kroazja kienu approvati f'Diċembru 2005, flimkien ma'erbgħa oħra li ġew approvati f'Lulju u Settembru 2006. Sa tmiem l-2008 kienet tnediet l-implimentazzjoni fiżika fuq erba' mis-sitt proġetti tal-ISPA inklużi tnejn mit-tliet proġetti ta' infrastruttura. Flimkien ma' dan, is-sejħiet għall-offerti kienu mixjin tajjeb għal ħames kuntratti oħra inklużi għaż-żewġ proġetti finali li s'issa m'għandhom l-ebda kuntratt konkluż.

Il-veloċità tas-sejħiet tal-kuntratti individwali baqgħet instabbli. F'każ wieħed il-firma tal-kuntratt ewlieni tax-xogħlijiet għal proġett kellha tiġi posposta minħabba dewmien fil-konklużjoni tal-kuntratt korrispondenti ta' superviżjoni. Fir-rigward ta' offerti oħra kien hemm dewmien minħabba l-ħtieġa li jitressqu rapporti ta' valutazzjoni mill-ġdid u minħabba l-ħruġ ta' corrigenda lid-dokumenti tal-offerti. F'każ ieħor offerta kienet tard ħafna minħabba f'nuqqas ta' sejħiet xierqa. Dawn il-problemi tal-aħħar madankollu, huma tipiċi għall kwalunkwe proċess ta' sejħa għall-offerti u jirriflettu l-esperjenza tas-CFCS li għadha relattivament nieqsa fl-implimentazzjoni tal-proġetti u għalhekk m'għandhomx jingħataw wisq importanza. B'mod ċar il-fattur l-aktar sinifikanti li għandu jiġi nnotat huwa li bħalissa bosta mill-proġetti daħlu fl-istadju ta' implimentazzjoni li jirrappreżenta grajja sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-ISPA fil-Kroazja.

Mill-bidu tal-2008 l-aġenzija ta' implimentazzjoni tal-ISPA fil-Kroazja għadha ssofri minn nuqqas ta' staff b'esperjenza xierqa u minn amministrazzjoni dgħajfa. Għadhom qed jinħassu wkoll il-problemi minħabba nuqqas ta' esperjenza tal-benefiċjari finali fit-tħejjija u t-tmexxija tas-sejħa għall-offerti internazzjonali. Fatt li jagħmlilhom unur, l-awtoritajiet tal-Kroazja ppruvaw jindirizzaw dawn il-problemi billi jissostitwixxu l-istaff kif meħtieġ u jsaħħu l-attivitajiet ta' taħriġ għall-benefiċjarji finali.

10. MONITORAĠĠ TAL-PROĠETTI

Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ġenerali tal-progress u l-effettività tal-implimentazzjoni hija megħjuna minn laqgħat regolari fl-uffiċċji tad-Delegazzjoni tal-KE, rapporti ta' monitoraġġ minn korpi ta' implimentazzjoni, żjajjar fuq is-sit minn staff tal-Kummissjoni u monitoraġġ formali permezz ta' żewġ laqgħat fis-sena tal-Kumitat għall-Monitoraġġ tal-ISPA fil-Kroazja, kif ukoll mill-wasla ta' Rapporti Annwali tal-ISPA għal kull proġett mill-awtorità ta' implimentazzjoni.

Sakemm l-amministrazzjoni tal-fondi tal-ISPA hija deċentralizzata bis-sħiħ (bl-użu tas-Sistema ta' Implimentazzjoni amministrattiva Deċentralizzata Estiża – EDIS b'kontroll *ex-post* mill-Kummissjoni biss), l-istaff tad-Delegazzjoni tal-KE fil-Kroazja se jkompli bir-rwol importanti tiegħu fir-rigward tas-sorveljanza tal-amministrazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' kuljum tal-miżuri tal-ISPA. Minħabba f'amministrazzjoni inkonsistenti u kontinwament nieqsa mill-affidabbiltà fir-rigward tal-miżuri tal-ISPA mill-awtoritajiet Kroati jinħass li l-kontrolli *ex-ante*

għas-seħiet għall-offerti u l-kuntratti se jkunu meħtieġa fil-futur qrib. It-tħejjijiet għall-ispostament lejn l-EDIS se jkunu jiddependu minn titjib fit-tħaddim tal-istruttura tas-Sistema ta' Implimentazzjoni amministrattiva Deċentralizzata (DIS) b'kontrolli *ex-ante* mid-Delegazzjoni tal-KE. F'dan il-kuntest mhuwiex antiċipat li l-EDIS tinkiseb għall-Kroazja qabel it-tieni nofs tal-2010.

Żewġ Kumitati għall-Monitoraġġ tal-ISPA kienu miżmuma fil-Kroazja fl-2008; f'Ġunju u f'Novembru rispettivament. Il-punti ewlenin li ħarġu mil-laqgħa kienu: titjib sinifikanti fil-proġetti li ngħataw b'kuntratt u fl-ammont ta' ħlasijiet li qed isiru; il-ħtieġa li tiġi estiża r-regola N+2 għal proġett wieħed minħabba f'kumplikazzjonijiet fil-proċess ta' sejħa għall-offerti li ma kinux jaqgħu taħt il-kontroll tal-Awtorità Kontraenti; il-fatt li l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 8 fil-Memoranda ta' Finanzjament għall-proġetti kollha tal-ISPA kienu ntlaħqu; il-ħtieġa li jitressqu talbiet għall-modifika ta' żewġ Memoranda ta' Finanzjament; il-ħtieġa li titjieb il-kwalità tad-dejta fir-rapporti ta' monitoraġġ tal-ISPA, kif ukoll il-preżentazzjoni tagħhom; il-ħtieġa li jkun hemm sejħa għall-offerti għall-bqija tal-kuntratti ta' infrastruttura biex ikun żgurat li x-xogħlijiet kollha jitwettqu fil-perjodi ta' eliġibbiltà tal-memoranda rispettivi ta' finanzjament. Għandha tinġibed l-attenzjoni li qamu għadd ta' ostakli mhux mistennija matul il-proċess ta' sejħa għall-offerti li ħolqu diffikultaijiet partikolari għal tnejn mill-proġetti ta' infrastruttura. Madankollu, b'kuntrast ma' dan, l-akbar proġett tal-ISPA ingħata b'kuntratt kollu kemm hu u l-implimentazzjoni tax-xogħlijiet qed tavvanza sew.

11. AMMINISTRAZZJONI U KONTROLL FINANZJARJU – L-*EDIS* INKLUŻA

Ir-rekwiżiti ewlenin kemm għall-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju kif ukoll għat-trattament tal-irregolaritajiet huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-ISPA u tal-Anness III tal-Memorandum ta' Finanzjament, kif applikabbli skont is-sistema *ex ante* ta' kontroll mill-Kummissjoni. Dawn ir-rekwiżiti huma simili għal dawk applikabbli għall-Fond ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali. L-elementi prinċipali jirreferu għat-twaqqif ta' sistemi u proċeduri interni ta' kontroll finanzjarju li jistgħu jiżguraw proċeduri ta' xiri trasparenti u mhux diskriminatorji, il-preċiżjoni tal-ispiża ddikjarata, kapaċità adegwata ta' verifika interna, rekord tal-verifika suffiċjenti u trattament xieraq tal-irregolaritajiet.

Minħabba r-ritmu baxx tal-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett tal-ISPA kien deċiż li l-ebda verifika tal-ISPA ma ssir fil-Kroazja fl-2008. L-enfasi ewlieni għall-unità ta' verifika fid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali għall-2008 kien jirrelata mat-tħejjijiet għall-introduzzjoni tal-IPA fil-Kroazja. Madankollu, twettqet verifika interna tad-Delegazzjoni tal-KE f'Żagreb. Il-konklużjoni ewlenija ta' din il-verifika kienet li l-proġetti tal-ISPA kienu qed jiġu amministrati b'mod effettiv mid-Delegazzjoni. Barra minn hekk, ġie rrakkomandat li d-Delegazzjoni tal-KE tapplika aktar pressjoni fuq l-awtoritajiet Kroati biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-proġetti, kif ukoll biex jipprovdu taħriġ addizzjonali għall-entità ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-kontroll ta' kwalità. Osservazzjoni oħra kienet tirrelata mad-diffikultà li kellha d-Delegazzjoni tal-KE f'li timpjega staff xieraq. Dan irriżulta minn proċeduri ta' reklutaġġ twal, mhux flessibbli u restrittivi li d-Delegazzjoni tal-KE hija obbligata tħaddem.

DIS

Ir-rekwiżit għal-akkreditazzjoni tad-DIS tal-aġenzija ta' implimentazzjoni fil-Kroazja, is-CFCA, isegwi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 164 tar-Regolament Finanzjarju. L-akkreditazzjoni tad-DIS kienet mogħtija mill-Kummissjoni fit-13 ta' Frar 2006.

12. VALUTAZZJONI TA'RISKJU

L-istrateġija ta' verifika ppjanata għall-2008 u s-snin sussegwenti kienet ibbażata fuq ir-riżultati tal-analiżi tal-istat tal-implimentazzjoni tal-ISPA u l-għanijiet relatati tad-Direttorat tal-Verifika tad-DĠ għall-Politika Reġjonali. L-istrateġija ta' verifika tistipula għanijiet li huma definiti mill-amministrazzjoni għolja tad-DĠ għall-Politika Reġjonali. Dawn l-għanijiet huma definiti fuq il-bażi ta' diskussjonijiet dettaljati mad-direttorati operattivi li matulhom jinxtered tagħrif dwar riskji potenzjali. L-istrateġija ta' verifika imbagħad tistipula l-azzjonijiet biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, waqt li jitqiesu r-riskji identifikati. B'mod ġenerali, ir-riskji huma minimizzati bl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. L-ebda verifika ma saret fl-2008 minħabba l-progress limitat fl-implimentazzjoni.

Skont is-sistema tal-approvazzjoni *ex-ante*, il-prijorità hija li jkun żgurat li biżżejjed proċeduri ta' kontroll huma stipulati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proġett u l-ħlasijiet. Madankollu, l-amministrazzjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni għandha riskju inerenti billi l-fondi huma mqassma minn diversi organizzazzjonijiet u sistemi. L-eliġibilità tal-ispiża hija determinata permezz tal-konformità ma' regoli u kundizzjonijiet iffissati fuq livell Komunitarju u nazzjonali li jistgħu jwasslu għal kumplessità u riskju ta' misinterpretazzjoni. Attwalment l-awtoritajiet Kroati qed jippjanaw li jissottomettu applikazzjoni biex iwaqqgħu l-kontrolli *ex-ante* għall-proġetti tal-ISPA matul it-tieni nofs tal-2010 skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1266/1999.

13. IS-SEJBIET TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-ebda missjoni jew verifika ma saret fil-Kroazja fl-2008.

14. IL-KOFINANZJAMENT MILL-IMSIEĦBA – IL-BEI, IL-BERŻ U L-KFW

Minħabba l-esperjenza tagħhom fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti, il-Kummissjoni żammet kuntatt regolari ma' dawn l-istituzzjonijiet ta' self, kemm fuq livell orizzontali kif ukoll għall-fini ta' koordinament ta' politika u kwistjonijiet ta' metodoloġija dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni, u fuq livell ta' pajjiż. Il-ħiliet speċjalizzati ta' dawn il-Banek fl-istrutturar ta' taħlit differenti ta' ffinanzjar permezz ta' għotjiet/self, inklużi arranġamenti ta' sħubija bejn is-servizz pubbliku u l-privat, huma ta' għajnuna kbira għat-tijib tal-kwalità tal-proġetti ffinanzjati mill-ISPA. Madankollu l-BEI mhu involut fl-ebda proġett tal-ISPA fil-Kroazja.

Il-BERŻ huwa l-uniku IFI li huwa attivament involut fi proġett tal-ISPA fil-Kroazja bi proviżjon ta' EUR 10 miljuni għal proġett ambjentali approvat fl-2005 – il-Programm ta' Trattament tal-Ilma u tal-Iskart Likwidu ta' Karlovac.

Kontribut għall-politika Komunitarja

15. XIRI PUBBLIKU

Mill-bidu nett tal-ISPA, it-twettiq tar-rekwiżiti legali għal xiri pubbliku sod, ġust u trasparenti kif imniżżel fil-PRAG instab li kien sfida kbira. F'ħafna każijiet, iċ-ċertezza ta' kompatibbiltà mal-prinċipji ta' xiri tal-UE wasslet għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-ISPA. Is-servizzi tal-Kummissjoni – speċjalment id-Delegazzjoni tal-KE f'Żagreb - kellha tintervjeni spiss, mhux biss biex tiċċekkja li l-proċeduri kienu applikati b'mod tajjeb iżda wkoll biex tirranġa żbalji, biex titkellem ma' korpi mhux sodisfatti, u biex tfiehem lill-aġenzija għall-implimentazzjoni kif il-proċeduri kkonċernati għandhom ikunu implimentati. B'mod regolari, il-kwalità tad-dokumenti għall-offerti kellha bżonn tittejjeb b'riżultat ta' dewmien kbir fit-tħabbir jew it-tkomplija tal-offerti. L-effett kumulattiv ta' dawn l-interventi kien dewmien addizzjonali fil-proċess ta' implimentazzjoni.

L-approvazzjoni *ex-ante* mill-Kummissjoni li tirregola l-proċess ta' offerti u l-kuntratti tal-proġetti tal-ISPA hija għalhekk ġustifikata bis-sħiħ sakemm il-kundizzjonijiet jeżistu biex tingħata l-EDIS (ara aktar 'l fuq). Skont is-sistema ta' approvazzjon *ex-ante* u skont id-deċiżjoni tad-DIS għall-għoti ta' poteri amministrattivi, is-CFCA biss għandha r-rwol tal-awtorità kuntrattwali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġetti, filwaqt li l-Kummissjoni tapprova kull pass fil-proċess ta' xiri. Ta' min jinnota wkoll, li għalkemm il-Kummissjoni mhijiex imsieħba fil-kuntratt, hija għandha parti mir-responsabilità fil-validità tal-proċeduri tal-proċess ta' xiri (mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-kuntratti konkluži bejn il-benefiċjarji u l-kuntratturi mhumiex validi).

16. IL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Billi l-għajnuna tal-ISPA hija diretta primarjament biex tkopri spejjeż pubbliċi – jew l-ekwivalenti – li jikkonċernaw proġetti ta' utilità, din ġeneralment ma tikkawżax problemi ta' nuqqas ta' kompatibilità mar-regoli tal-Komunità fir-rigward tal-kompetizzjoni. Sakemm ir-regoli dwar xiri pubbliku ma jinkisrux, u sakemm aċċess liberu għal din l-infrastruttura jkun garantit għall-operaturi kollha li jilħqu l-kundizzjonijiet tekniċi u legali neċessarji, din l-għajnuna ma tagħti l-ebda vantaġġ lil xi azjenda speċifika.

17. IL-POLITIKA AMBJENTALI

Bil-provvista ta' għajnuna diretta għal proġetti ambjentali li għandhom prijorità, l-ISPA kkontribwiet għall-implimentazzjoni tal-politika ambjentali u l-kompatibilità mal-istandards tal-UE fil-Kroazja. L-esperjenza mirbuħa mill-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġett tiżviluppa kapaċità amministrattiva u żżid il-veloċità tar-riforma settorjali fis-settur tal-ambjent. B'mod partikolari, il-kapaċità amministrattiva qed tkun imsaħħa fir-rigward tal-ippjanar u l-prijoritizzazzjoni tal-investiment ambjentali. Sar progress stabbli wkoll fl-implimentazzjoni korretta tad-

direttiva tal-EIA (id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent), b'mod partikolari l-aspetti relatati mal-konsultazzjoni pubblika. Huwa mistenni li l-ISPA b'dawn il-modi tikkontribwixxi għal progress fil-protezzjoni tal-ambjent fil-Kroazja.

F'dan ir-rigward, huwa importanti jkun enfasizzat li, sa fejn għandu x'jaqsam mal-Kroazja, l-introduzzjoni tal-IPA, b'numru akbar ta' korpi tagħha u lista ta' proġetti addizzjonali, il-provvista ta' riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni (inklużi monitoraġġ, spezzjoni, provvista ta' permessi u rappurtaġġ) trid tkun żgurata.

18. IL-POLITIKA TAT-TRASPORT

In-netwerks tat-trasport fil-Kroazja, miftiehma skont TINA (Evalwazzjoni tal-Ħtiġijiet tal-Infrastruttura tat-Trasport) u REBIS (Studju dwar l-Infrastruttura tar-Reġjun tal-Balkani) inbnew madwar qafas ta' kurituri pan-Ewropej. Bosta minnhom huma mqassma madwar it-territorju tal-Kroazja inklużi l-Kurituri VII (ix-xmara Danubju), X (Salzburg-Ljubljana-Żagreb-Beograd-Nis-Skopje-Veles-Thessaloniki, inkluża l-fergħa Xa) kif ukoll il-Kuritur V, li għandu żewġ fergħat fil-Kroazja (Vb - Budapest, Żagreb Rijeka, u Vc - Budapest, Sarajevo, Ploče). Dawn in-netwerks kienu użati bħala bażi ta' ppjanar għall-istrateġija tat-trasport nazzjonali għall-finijiet tal-ISPA. Bħala konsegwenza ta' dan, il-proġett tat-trasport uniku tal-ISPA jifforma parti min-netwerks TINA u REBIS, jiġifieri jikkonċerna l-kostruzzjoni jew r-riabilitazzjoni ta' sezzjoni, punt nodali, jew aċċess li għandu x'jaqsam man-netwerks. In-netwerks TEN-T għall-Kroazja huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tas-SEETO (L-Osservatorju tat-Trasport tax-Xlokk tal-Ewropa).

Koordinazzjoni bejn l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni

Kif mitlub mir-Regolament ta' Koordinazzjoni[2], il-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni mill-qrib bejn it-tliet strumenti ta' qabel l-adeżjoni, il-PHARE, is-SAPARD u l-ISPA. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kumitat għall-Amministrazzjoni tal-PHARE għandu rwol speċjali fil-koordinazzjoni ġenerali tat-tliet strumenti ta' qabel l-adeżjoni.

Koordinazzjoni mal-Kumitat Konġunt għall-Amministrazzjoni (tal-PHARE)

Il-Kumitat Konġunt għall-Amministrazzjoni huwa responsabbli biex jikkoordina l-monitoraġġ ta' kull strument ta' qabel l-adeżjoni u biex jevalwa l-progress ġenerali tal-għajnuna ffinanzjata mill-UE fil-pajjiżi benefiċjarji. Il-Kumitat jagħti rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat tal-ISPA jew lill-Kummissjoni meta relevanti.

Koordinazzjoni mad-Delegazzjonijiet tal-KE

Laqgħat perjodiċi kienu organizzati mis-servizzi tal-Kummissjoni (DĠ Tkabbir, DĠ Relazzjonijiet Esterni u DĠ Politika Reġjonali) bl-esperti fid-Delegazzjonijiet responsabbli għall-PHARE u l-ISPA biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' programmazzjoni u implimentazzjoni, b'mod partikolari dawk relatati mal-offerti u l-kuntratti.

Koordinazzjoni mal-istrument tal-IPA

Sabiex tkun żgurata l-koordinazzjoni effiċjenti tal-attivitajiet u l-prevenzjoni tad-duplikazzjoni ż-żewġ Kumitati għall-Monitoraġġ tal-ISPA miżmuma fil-Kroazja fl-2008 kienu organizzati qrib il-Kumitati għall-Monitoraġġ Settorjali tal-IPA għall-komponent tal-Iżvilupp Reġjonali. Barra minn hekk, ta' min jinnota li tnejn mill-miżuri ta' assistenza teknika li kienu ffinanzjati mill-ISPA jikkonċernaw it-tħejjija ta' sensiela ta' proġetti għall-implimentazzjon permezz tal-kofinanzjament tal-IPA. B'dan il-mod wieħed jittama li jkun hemm tranżizzjoni bla skossi mill-istrument tal-ISPA għal dak tal-IPA u implimentazzjoni kontinwa tal-miżuri fis-setturi rispettivi.

19. AZZJONIIJIET PUBBLIĊI

Twettqet azzjoni waħda pubblika fl-2008 fir-rigward tal-proġetti tal-ISPA. Inżammet ċeremonja fl-istazzjon tal-ferrovija ta' Deletovci fil-Lvant tal-Kroazja li fakkret il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-proġett ta' Riabilitazzjoni tal-Linja Ferrovjarja minn Vinkovci għal Tovarnik sal-Fruntiera tal-Istat, li kien l-ewwel proġett tal-ISPA li tnieda fil-Kroazja. Il-Ministri Kroati għall-Finanzi u t-Trasport u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-KE fil-Kroazja indirizza lill-mistednin miġbura u lir-rappreżentanti tal-midja. Saret ukoll preżentazzjoni tal-proġett mill-Inġinier ta' Sorveljanza tax-xogħlijiet. L-avveniment kien ta' suċċess kbir u rċieva l-attenzjoni kollha tal-midja Kroata.

---

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni.